MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 2543/1999/1

**ATLAS INSURANCE AGENCY LIMITED** in rappreżentanza tas-soċjeta' estera AXA Insurance p.l.c., ġja' Guardian Royal Exchange Assurance p.l.c., surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Peter Galea; u b'Nota tal-10 ta' Mejju, 2004, Atlas Insurance Limited assumiet l-atti tal-kawża minflok Atlas Insurance Agency Limited fil-kwalita' premessa

vs

**MULTI REPAIRS LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-19 ta' Novembru, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, il-kumpannija attriċi talbet li l-Qorti (a) ssib li l-kumpannija mħarrka

weħidha taħti għad-danni mġarrbin minnha minħabba l-kumpens li kellha tagħti lill-assikurat tagħha Peter Galea, minħabba s-serq tal-karozza tal-għamla *Hyundai Excel GS* bin-numru tar-reġistrazzjoni MIC-009, bejn l-1 ta' Ġunju, 1999 u t-2 ta' Ġunju, 1999, waqt li l-istess karozza kienet għand l-istess kumpannija mħarrka għat-tiswija; (b) tillikwida d-danni mġarrba fis-somma ta' elfejn u tliet mitt lira Maltin (Lm 2,300)[1], jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan; u (ċ) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka s-somma hekk likwidata bħala kumpens għad-danni mġarrba bħala rimbors li hija tat favur l-assikurat tagħha minħabba s-serqa tal-karozza tiegħu u dwar liema rimbors l-kumpannija attriċi ġiet surrogata fid-drittijiet tal-istess assikurat. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali b'seħħ mill-11 ta' Novembru, 1999;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-4 ta' Jannar, 2000, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li ma kenitx taħti bl-ebda mod għal dak li ġara minħabba li hija ħadet il-passi kollha meħtieġa w użat id-diliġenza raġonevoli dwar l-affarijiet imqiegħda taħt il-kustodja tagħha. Bla ħsara għal dan, ċaħdet ukoll li l-ammont ta' danni mġarrba mill-kumpannija attriċi tassew jilħaq l-ammont minnha mitlub fit-tieni u t-tielet talbiet tagħha;

Rat in-Nota ta' Astensjoni mressqa mill-Onorevoli Mħallef Geoffrey Valenzia fl-24 ta' Marzu, 2000[2];

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-11 ta' Ottubru, 2000[3], li bih awtorizzat bdil fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-kumpannija attriċi (il-kumpannija mħarrka ma ressqitx provi, minkejja li ngħatalha żmien biżżejjed biex tagħmel dan);

Semgħet it-trattazzjoni estensiva tal-avukati tal-partijiet;

---

[1] Li jġibu € 5,357.56 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 20 tal-proċess
[3] Paġ. 28 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal risarċiment ta' ħsara mġarrba minn kumpannija assikuratriċi minħabba kumpens li hija ħallset lil assikurat tagħha taħt polza ta' assikurazzjoni, wara li l-karozza tiegħu nsterqet minn remissa fejn kienet tħalliet għat-tiswija mal-kumpannija mħarrka. Il-kumpannija attriċi, kif surrogata fil-jeddijiet tal-assikurat tagħha, tgħid li l-kumpannija mħarrka weħidha taħti għas-serqa billi naqset li teżerċita l-kura meħtieġa biex il-karozza ma jiġrilha xejn. Trid li l-kumpannija mħarrka tinstab responsabbli għad-danni mġarrba;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt, minħabba li hija ma kenitx taħti bl-ebda mod għal dak li ġara billi ħadet il-passi kollha meħtieġa w użat id-diliġenza raġonevoli dwar l-affarijiet imqiegħda taħt il-kustodja tagħha. Bla ħsara għal dan, ċaħdet ukoll li l-ammont ta' danni mġarrba mill-kumpannija attriċi tassew jilħaq l-ammont minnha mitlub fit-tieni u t-tielet talbiet tagħha;

Illi, mill-atti tal-kawża jirriżulta bħala fatt li l-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "Atlas") kienet assikurat vettura tal-għamla Lada *Hyundai Excel GS*, reġistrata MIC-009 taħt polza '*comprehensive*'[4]. Sid il-karozza – Peter Galea – kien assikuraha fl-1997. F'Awwissu tal-1998, il-polza aġġustata ġġeddet għaż-żmien bejn l-1 ta' Mejju, 1999 u l-31 ta' Jannar, 2000[5]. Il-karozza kienet inħarġet fuq it-triq fl-1991. Għall-finijiet tal-

[4] Dok "ZM" f'paġġ. 146 *et seq* tal-proċess
[5] Dok "SC1", f'paġ. 27 tal-proċess

polza ta' assikurazzjoni l-valur assikurabbli tal-karozza kien ta' elfejn u erba' mitt lira Maltija (Lm 2,400)[6];

Illi wara li l-karozza kienet qalgħet daqqa, Peter Galea ħadha għat-tiswija għand il-kumpannija mħarrka (minn issa 'l quddiem imsejħa "MRL") fir-remissa "*Balsons Garage*" li tinsab fi Triq Birkirkara, f'San Ġiljan li hija tuża għat-tiswija tal-karozzi. Kellu jsirilha xogħol ta' tellar jew bdil tal-*bumper* ta' wara[7]. Il-karozza saqha ibnu s'għand MRL . Minħabba li t-tiswija ma saritx dak inhar, filgħaxija tal-1 ta' Ġunju, 1999, il-karozza ddaħħlet f'remissa li tinsab faċċata fl-istess triq flimkien ma' vetturi oħrajn li wkoll kienu għat-tiswija. Dak inhar refgħu mix-xogħol għall-ħabta tas-sitta ta' wara nofsinhar[8];

Illi meta fit-2 ta' Ġunju, 1999, lavrant tal-kumpannija mħarrka fetaħ ir-remissa għax-xogħol, sab li l-bieb tal-ħadid tar-remissa kien sgassat u ra li l-karozza ma kenitx hemm[9]. Kienu nsterqu xi affarijiet minn vetturi oħrajn li kienu maqfula fir-remissa u wkoll xi għodda;

Illi mill-ewwel sar rapport lill-Pulizija li marru fuq il-post u ħadu l-verżjoni tas-sid tar-remissa[10];

Illi f'Ottubru tal-1997, MRL kienet ħarġet polza ta' assikurazzjoni[11] tal-għamla "*Retailers' Policy*" li kienet tkopri ħarsien dwar stokk, ħruq tal-istabiliment u serq dwar dak li jinsab fl-istabiliment, magħduda karozzi tal-klijenti.[12] Iżda wara s-serqa l-assikuratriċi tagħha – Bonniċi Insurance Agency Limited – ma kenitx aċċettat responsabbilta' taħt il-polza minħabba li qalet li MRL kienet naqset li tħares waħda mill-kundizzjonijiet tal-polza ("*endorsement*")[13] minħabba li kienet naqset li tneħħi ċ-ċavetta mill-karozza u żżommha msakkra f'post li ma jistax jintlaħaq[14];

---

[6] Li jġibu € 5,590.50 fi flus tal-lum
[7] Xhieda ta' Peter Galea 22.11.2000, f'paġ. 58 tal-proċess
[8] Xhieda ta' P.S. Pierre Calleja 11.10.2000 u Carmel Żammit 12.6.2002, f'paġġ. 47 u 130 tal-proċess
[9] Dok "1", f'paġġ. 8 – 9 tal-proċess
[10] Ara Dok "MG1", f'paġġ. 87 – 9 tal-proċess
[11] Dok "GB1", f'paġ. 54 tal-proċess
[12] Xhieda ta' George Bonniċi 22.11.2000, f'paġ 66 tal-proċess
[13] Ara Dok "GB2", f'paġ. 55 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Stephen Conti 11.10.2000, f'paġ. 34 tal-proċess

Illi fit-3 ta' Ġunju, 1999, l-assikurat Galea ressaq talba ma' Atlas għall-kumpens taħt il-polza minħabba s-serqa. Dak inhar ukoll MRL fetħet "*claim*" mal-assikuratriċi tagħha[15];

Illi b'kitba li saret fis-6 ta' Lulju, 1999[16], Atlas ħallset lil Galea s-somma ta' elfejn u tliet mitt Lira Maltin (Lm 2,300) bħala kumpens għas-saldu taħt il-polza, filwaqt li, min-naħa tiegħu, issurrogaha fil-jeddijiet tiegħu;

Illi l-kawża nfetħet fid-19 ta' Diċembru, 1999;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jridu jsiru f'dan il-każ jirrigwardaw l-aktar u qabel kollox x'kienet tabilħaqq in-natura taċ-ċirkostanza li kienet teżisti meta l-karozza tal-assikurat ta' Atlas insterqet mir-remissa ta' MRL. Fit-trattazzjoni tal-egħluq, l-għaref difensur ta' Atlas qal li l-każ jinbena fuq il-kuntratt tal-appalt u dak tad-depożitu bi ħlas; min-naħa tiegħu, l-għaref difensur ta' MRL jisħaq li l-kuntratt kien wieħed ta' appalt bla ebda depożitu (għaliex fid-depożitu d-depożitarju ma huwiex mistenni li jtejjeb il-kundizzjoni tal-ħaġa mħollija miegħu, filwaqt li t-tellar appaltat ikun ingħata l-ħatra li jsewwi l-karozza);

Illi ma hemm l-ebda dubju li meta l-assikurat ta' Atlas ħa l-karozza tiegħu għat-tiswija għand MRL inħalaq kuntratt ta' appalt. Iżda l-mistoqsija li tqum hi dwar x'inhi n-natura taż-żamma tal-ħaġa min-naħa tal-appaltatur, sakemm jibda jwettaq l-appalt mogħti lilu. Il-liġi tgħid[17] li meta f'appalt fejn l-appaltatur (l-artiġjan) jagħti biss ix-xogħol u s-sengħa tiegħu l-ħaġa tispiċċa, hu jwieġeb biss għall-ħtija tiegħu. Madankollu, wieħed jista' jargumenta wkoll li, sakemm l-appaltatur ikun għadu ma bediex iwettaq il-ħatra mogħtija lilu, l-ħaġa tkun ġiet fdata lilu bħala depożitu volontarju[18], u r-rabtiet tal-kuntratt tal-appalt jitnisslu biss hekk kif l-appaltatur jibda jaħdem fuq il-ħaġa mħollija għandu. M'hijiex ħaġa anomala jew ta' barra minn hawn li r-rabta kuntrattwali tad-depożitu titnissel

[15] Xhieda ta' Anthony Balzan 27.2.2003, f'paġ. 142 tal-proċess
[16] Dok "2", f'paġ. 10 tal-proċess
[17] Art. 1635 tal-Kap 16
[18] Art. 1896 tal-Kap 16

ukoll fil-qafas ta' rabtiet kuntrattwali oħrajn, bħalma huma l-appalt[19] jew saħansitra l-impieg[20];

Illi ma hemmx dubju li meta karozza titħalla ma' tellar biex jaħdem fuqha skond il-ħila tiegħu, dan iġib miegħu l-obbligu li, sakemm iddum taħt iż-żamma tiegħu, jrid jieħu ħsieb li ma titgħarraqx. Minbarra f'hekk, bis-saħħa tal-kuntratt tal-appalt li jkun ingħata, hu mistenni li, meta jtemm ix-xogħol tiegħu fuqha, jroddha lil sidha f'kundizzjoni aħjar. Dan ukoll iġib miegħu ir-rabta tal-kustodja li hija "*qualificata come l'attivita` principale legata al contratto di deposito, riguardante la 'gestione giuridica' della cosa oggetto del contratto*"[21];

Illi fid-dawl tal-argument tal-għaref difensur ta' MRL dwar jekk jistgħux jgħoddu għall-kuntratt tal-appalt l-elementi tal-kuntratt tad-depożitu, wieħed jista' jsemmi tagħlim ġurisprudenzjali fejn jingħad li "*benche` l'attivita` caratteristica dell'appaltatore sia quella di compiere l'opera commessagli, e di trasformare, non di restituire le cose a tal fine ricevute dal committente, tuttavia, poiche` tali cose rimangono affidate alla fiducia e alla custodia dell'appaltatore, questo rapporto di affidamento va regolato con le norme del deposito*"[22];

Illi hija ħaġa ċerta li dak li huwa meħtieġ hu li biex jinħalaq il-kuntratt tad-depożitu hu li l-ħaġa tgħaddi f'idejn id-depożitarju[23]. Dan l-element tat-*traditio* huwa rekwiżit *sine qua non* biex iġib fis-seħħ il-kuntratt tad-depożitu. Huwa passaġġ fiżiku meħtieġ li, madankollu, jnissel rabta fuq min jilqa' għandu l-ħaġa bla ma jsir sidha jew imqar ikollu l-pussess tagħha ghaliex ma jżommhiex għalih innifsu[24] u lanqas jista' jinqeda minnha għalih innifsu[25]. Minbarra dan, ingħad ukoll li "*affinche sussista affidamento in custodia, non e` necessaria la materiale apprensione del bene, ma e` sufficiente che esso sia posto nell'autonoma*

[19] App. Kumm. **11.1.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Abela et noe vs Annunziato Xuereb*** (mhix pubblikata)
[20] App. Inf. PS **27.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Rab Limited vs Christopher Spiteri***
[21] G Alpa & V Mariconda *Codice Civile Commentato* (II[a] Ediz, 2009), Vol. IV, paġ. 2039
[22] Cass. **3.3.1965** nru. 3292
[23] Art. 1893(1) tal-Kap 16
[24] Ara art. 2118 tal-Kap 16
[25] Art. 1902 tal-Kap 16

*sfera di controllo dell'affidatario, che, per tale solo fatto, assume l'obbligo giuridico di provvedere alla custodia*"[26];

Illi b'mod partikolari u b'rilevanza mhux żgħira għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha, d-duttrina sabet ukoll li fejn ħaġa titħalla ma' xiħadd biex dan isewwiha "*oggetto del contratto sono anche le obbligazioni della custodia e della riconsegna, proprie del contratto di deposito, con il conseguente dovere di diligenza del buon padre di famiglia*[27]. *Sempre in tema di obblighi accessori ad una prestazione principale di riparazione, si e` detto che anche la consegna dell'autovettura per effettuarvi delle riparazioni, accompagnata dalla accettazione delle chiavi, pur avendo una funzione strumentale rispetto all'adempimento della prestazione d'opera, fa sorgere nell'accipiente l'obbligo di custodire e restituire il veicolo. Un problema perplesso in giurisprudenza e` quello relativo alla sopravvivenza o meno dell'obbligazione di custodire, una volta che sia adempiuta l'obbligazione principale. Cosi`, nel caso di deposito connesso ad un contratto di lavoro autonomo, la Corte suprema ha dichiarato che l'obbligo di custodia resta limitato al tempo necessario per l'esecuzione del lavoro con la consequenza che il depositante, una volta che gli sia stato comunicato che il lavoro stesso e` stato ultimato, deve riprendersi la cosa senza che possa configurarsi una responsabilita` per la perdita della cosa*[28];

Illi b'dan il-mod, filwaqt li sseħħ rabta bejn il-kuntratt "ewlieni" tipiku mal-kuntratt "derivat" tad-depożitu tal-ħaġa, u fejn l-elementi tal-ewwel jipprevalu fuq tat-tieni, b'daqshekk ma jfissirx li r-regoli u l-elementi tal-kuntratt tad-depożitu jinħonqu għal kollox. Minflok, jista' jingħad li safejn il-bażi tal-kwestjoni tar-responsabbilta' jkun l-allegat nuqqas tal-kontraent, ikun jistgħu jgħoddu kemm ir-regoli tal-kuntratt tad-depożitu u kif ukoll l-effetti ġenerali maħsuba fil-liġi għall-inadempiment kuntrattwali;

---

[26] G Alpa & V Mariconda *op cit*, paġ. 2040 (hawnhekk l-awturi jiċċitaw każ fejn karozza nsterqet minn wara bieb ta' remissa ta' *mechanic*)
[27] Cass. **21.11.1984** nru. 5955
[28] Cass. **23.1.1986** nru. 430

Illi, għalhekk, fil-qafas ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, jista' jingħad ukoll li s-sisien tal-azzjoni attriċi jistrieħu fuq il-ħtija marbuta man-nuqqas ta' twettiq ta' rabta kuntrattwali (l-inadempiment), u mhux fuq il-ħtija akwiljana mnissla mill-kważi-delitt. F'dan il-każ, Atlas tibni l-pretensjonijiet tagħha fuq l-allegazzjoni li MRL naqset li tħares kif imiss l-obbligi tagħha ta' depożitarja-appaltatriċi u, minħabba li ż-żamma tinvolvi ħlas, tgħid li MRL naqset li tieħu ħsieb il-karozza bħalma kienet tagħmel bil-kustodja ta' ħwejjiġha[29] u li għaldaqstant, fiċ-ċirkostanza partikolari[30], trid twieġeb għal kull nuqqas (negliġenza) tagħha, żgħir kemm hu żgħir ("*culpa levissima*")[31];

Illi l-kwestjoni tal-grad ta' responsabbilta' li jrid iħaddem id-depożitarju hija waħda li, bħala regola, tintrabat mal-għaqal li jrid juri missier tajjeb tal-familja fit-tmexxija ta' ħwejġu. Il-liġi trid li dak li għandu titqiegħed ħaġa b'depożitu jieħu ħsiebha bħalma jieħu ħsieb ħwejġu stess[32]. Iżda hu ma jweġibx għall-aċċidenti li jseħħu b'forza maġġuri, sakemm ma jkunx tnikker biex irodd lura l-ħaġa lil min ikun talabhielu lura[33]. Id-dmir ewlieni u element kardinali tal-kuntratt tad-depożitu huwa li d-depożitarju għandu jrodd lura l-istess ħaġa mħollija f'idejh fil-qagħda li tkun fiż-żmien meta tintradd u kull tgħarriq li ġġarab bla ħtija tiegħu jbatiha d-depożitant[34]. Ir-radd lura jrid isir jew lil min wettaq id-depożitu, jew lill-persuna li f'isimha jkun sar id-depożitu, jew lill-persuna maħtura biex tirċievi l-ħaġa[35];

Illi jitqies li ħaġa depożitata tkun intilfet b'forza maġġuri jekk kemm-il darba jintwera li d-depożitarju jkun ħa l-passi kollha meħtieġa u raġonevoli biex il-ħaġa depożitata tkun tqegħdet fiż-żgur[36]. Is-serq huwa waħda mill-ġrajjiet li jistgħu jitqiesu bħala forza maġġuri għad-depożitarju[37]. Iżda fejn id-depożitarju jressaq il-fatt tal-forza maġġuri

[29] Art. 1899 tal-Kap 16
[30] Art. 1900(d) tal-Kap 16
[31] Ara art. 1900(2) tal-Kap 16
[32] Art. 1899 tal-Kap 16
[33] Art. 1901 tal-Kap 16
[34] Art. 1904 tal-Kap 16
[35] Art.1908 tal-Kap 16
[36] Kumm. **29.6.1979** fil-kawża fl-ismijiet ***Nut. Joseph Vella Galea vs Anġlu Azzopardi et*** (mhix pubblikata)
[37] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***John Camilleri noe et vs Saviour Żahra***

bħala difiża għat-talba biex irodd lura l-ħaġa depożitata, jaqa' fuqu d-dmir li jipprova kif imiss dan il-fatt[38]. Normalment, id-depożitant jeħtieġlu jipprova biss li, bit-telfien tal-ħaġa depożitata, ġarrab danni: sakemm ma jkunx intwera li kien traskurat fl-għażla tal-persuna tad-depożitarju bħala persuna li tkun magħrufa bħala waħda traskurata fiż-żamma ta' ħwejjiġha, f'liema każ id-depożitant jitqies responsabbli minn għażla bħal dik. Jiġifieri ma jqumx il-każ fortuwitu meta l-ħsara li tiġri titnissel mill-fatt pożittiv jew negattiv tal-bniedem[39];

Illi, fuq kollox, fid-difiża tal-forza maġġuri, wieħed ikun irid juri mhux biss li l-ġrajja kienet waħda mhux mistennija jew mhux mixtieqa, imma wkoll li kienet waħda li ma setgħetx tiġi evitata[40]. Kemm hu hekk, f'każ ta' ħaġa li tinsteraq minn taħt il-kontroll tad-depożitarju huwa mgħallem li "*il depositario, al fine di sottrarsi alla responsabilita` nei confronti del depositante danneggiato, derivantegli dalla mancata restituzione, a seguito di furto, delle cose a lui affidate in custodia, e` tenuto a fornire la prova della inevitabilita` dell'evento, malgrado l'uso della diligenza del buon padre di famiglia*"[41];

Illi minn hawn il-Qorti tasal għall-qofol tal-kwestjoni bejn Atlas u MRL. Wara li jinsab stabilit il-qafas kuntrattwali li fih seħħet il-ġrajja tas-serqa tal-karozza tal-assikurat ta' Atlas, u wara li l-Qorti ħadet qies tax-xilja ta' nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt magħmula mill-istess Atlas, issa tista' titqiegħed ukoll f'kuntest xieraq tagħha l-linja ta' difiża ta' MRL;

Illi kif ingħad bosta drabi, huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[42]. Dan minbarra l-effett "primarju" li jista' jwassal għat-tħassir tal-obbligazzjoni jew kuntratt li jkun;

---

[38] App. Civ. **20.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Darmanin vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.440**)
[39] App. Civ. **15.1.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Sapiano vs Fenech et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.149**)
[40] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Camilleri vs Dipartiment tal-Agrikoltura***
[41] Cass. **8.9.1970** nru. 1355
[42] Art. 1125 tal-Kap 16

Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma tagħmilhiex jew ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[43]. Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jew jinsisti mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[44] jew, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[45];

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[46]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[47]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[48];

Illi, kif ingħad, MRL ma tiċħadx li l-karozza tal-assikurat ta' Atlas ittieħdet mingħandha f'serqa meta l-karozza kienet taħt il-kustodja tagħha u qabel ma x-xogħol li għalih kienet ittieħdet għandha kien għadu sar. Hija, madankollu, tistrieħ fuq il-fatt tas-serqa bħala raġuni li teħlisha minn kull rabta ta' risarċiment;

Illi l-liġi tagħna tagħraf id-difiża tal-forza maġġuri bħala raġuni tajba biex biha persuna teħles mir-responsabbilta' għan-nuqqas tagħha fil-konfront ta' persuna oħra li magħha tkun intrabtet. Il-ħelsien ta' persuna mir-rabtiet kuntrattwali tagħha minħabba forza qawwija jew aċċidentali ma jiddependix bilfors minn patt f'dan is-sens.

---

[43] Art. 1127 tal-Kap 16
[44] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[45] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[46] Art. 1132(1) tal-Kap 16
[47] Art. 1133 tal-Kap 16
[48] Art.1134 tal-Kap 16

Jekk ħaġa miftehma ma tistax titwettaq minħabba forza maġġuri, m'hemmx bżonn il-kunsens tal-parti l-oħra biex dak li jkun jinħeles mir-rabta. Huwa sewwasew minħabba li l-aċċident jew il-forza maġġuri joħolqu ċirkostanza lil hinn mir-rieda tal-persuna li l-liġi tagħti l-ħelsien mir-rabta. Iżda dan, kif issemma qabel, irid isir biss jekk kemm-il darba d-debitur tal-obbligazzjoni jseħħlu juri tajjeb biżżejjed li l-każ fortuwitu (f'dan il-każ, serqa) kien kemm imprevedibbli u kif ukoll inevitabbli[49];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-karozza tal-assikurat ta' Atlas ma jidhirx li reġgħet instabet wara li nsterqet. Dan ifisser, għalhekk, li MRL ma kienet qatt f'qagħda twettaq il-ħatra (appalt) li kienet ingħatat biex issewwi l-karozza. Din iċ-ċirkostanza wasslet lil Atlas biex ikollha tikkumpensha lill-assikurat tagħha taħt il-polza li kellu. Is-serqa ma saritx bir-rieda ta' MRL, iżda ħareġ ċar li l-istess MRL ma wrietx li dik is-serqa kienet waħda li ma setgħetx tobsorha. Tant kienet ċirkostanza mibsura li MRL talbet u ħarġet polza ta' assikurazzjoni sewwasew kontra l-possibilita' ta' serq (minbarra ħruq b'nirien, li f'dan il-każ m'hijiex rilevanti) mir-remissa tagħha kemm dwar tagħmir u għodod li jkun hemm fil-post u kif ukoll serq ta' jew minn karozzi li l-klijenti tagħha jkunu ġabulha għat-tiswija. Li wieħed jidħol f'kuntratt ta' assikurazzjoni dwar serq ifisser li jkun qed jobsor li jista' jinsteraq, minkejja li ma jkun jixtieq qatt li dan jiġrilu u minkejja li jagħmel li jista' biex dan ma jiġrix;

Illi fil-fehma tal-Qorti MRL lanqas ma seħħilha turi li s-serqa kienet inevitabbli. Dan ġara minħabba li ma ħaditx miżuri biżżejjed biex iċ-ċavetta tal-karozza tal-assikurat ma taqax f'idejn terzi persuni. Hawnhekk il-Qorti tħoss li jixraq tikkummenta dwar iċ-ċirkostanza taċ-ċavetta. Mill-provi mressqa – b'mod speċifiku r-rapport li sar lill-Pulizija minn MRL innifisha – ħarġet ċirkostanza li tħasseb ftit lil din il-Qorti u li, madankollu, titfa' dawl tajjeb fuq dan l-aspett tal-ġrajja inevitabbli. Fil-kopja tal-okkorrenza mressqa matul is-smigħ tal-provi[50], hemm imniżżel dan il-

[49] App. Inf. PS **6.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Etienne Rapinette noe vs Spray Pack Ltd***
[50] Ara Dok "MG1" f'paġ. 89 tal-proċess

kliem "*Complainant*[51] *... stressed that although upon the arrival of the Police he stated that the key of the stolen vehicle was in its ignition, he states that he wanted to tell the Police that all the keys to the vehicles being worked upon are always kept in the garage office*". Dak id-dokument inħareġ fil-21 ta' Marzu, 2001, jiġifieri dak inhar stess li tressaq bix-xhieda tal-ispettur Pierre Micallef Grimaud[52]. Madankollu, l-parti hawn fuq ċitata ma tidher imkien fil-kopja tar-rapport imressaq minn Atlas bħala dokument flimkien mal-Att taċ-Ċitazzjoni[53], liema kopja nħarġet mill-Pulizija fit-23 ta' Ġunju, 1999 (jiġifieri xi tliet ġimgħat wara li kien sar ir-rapport l-ewwel darba), u li, mll-bqija, huwa kelma b'kelma bħall-ieħor;

Illi minbarra li l-Qorti titħasseb meta tara ħwejjeġ bħal dawn, fis-silta ċitata ssib elementi biżżejjed biex juruha li MRL f'xi waqt wara s-serqa kienet qalet li ċ-ċavetta tal-karozza l-misruqa kienet tħalliet fiha. Kien minħabba f'din l-istqarrija li l-assikuratriċi ta' MRL kienet ċaħdet il-*claim* imressaq minn MRL u dan sewwasew għaliex il-polza kellha *endorsement* li jorbot lill-assikurata li żżomm iċ-ċwievet tal-karozzi li jkunu nġabulha għat-tiswija 'l bogħod mill-istess karozzi u maqfula f'post li ma jilħqu ħadd. Il-fatt li MRL tgħid li l-*endorsement* ma kien qatt issemmielha ma jibdel xejn mir-rabta li hija kellha ma' dawk li jġibu l-karozzi tagħhom għandha għat-tiswija;

Illi dik is-silta turi wkoll li, f'xi żmien, MRL (permezz ta' xi rappreżentant tagħha) kienet stqarret li l-karozza li nsterqet kellha ċ-ċavetta tal-*ignition* fiha meta min daħal fir-remissa telaq biha. Iċ-ċaħda jew bdil tal-verżjoni, li setgħet saret wara, ftit li xejn itejjeb il-qagħda ta' MRL għaliex din ma tagħmilx aktar minn stqarrija ġenerika ta' x'isir is-soltu miċ-ċwievet tal-karozzi li jinġabu għat-tiswija, iżda ma titfa' l-ebda dawl fuq x'sar fil-fatt miċ-ċavetta tal-karozza tal-assikurat ta' Atlas dak inhar li nsterqet. Biex tkompli tgħaqqad, il-provi juru li dik il-karozza kienet ipparkjata fir-remissa l-ewwel waħda wara l-bieb u quddiem il-karozzi l-oħrajn kollha[54]. B'hekk kienet l-ewwel

---

[51] F'dan il-każ ħareġ li r-rapport sar minn Anthony Balzan, direttur ta' MRL
[52] Xhieda tiegħu 21.2.2001, f'paġġ. 92 – 6 tal-proċess
[53] Ara Dok "1", f'paġ. 8 tal-proċess
[54] Xhieda ta' Anthony Balzan 27.2.2003, f'paġ. 142 tal-proċess

waħda li setgħet tinsteraq bla ma kellhom għalfejn jinsaqu l-oħrajn ukoll (għalkemm jidher li xi wħud minnhom intmessu u ttieħdu minnhom xi affarijiet). Din iċ-ċirkostanza "ħaffet" aktar il-possibilita' tas-serqa u għamlitha anqas inevitabbli milli kien ikun il-każ li kieku ċ-ċavetta tħalliet ġol-*ignition* ta' xi karozza oħra li kienet ipparkjata bejn oħrajn;

Illi fil-fehma tal-Qorti, dawn l-elementi kollha juru li minkejja li tassew ġrat serqa minn ġor-remissa ta' MRL, dan ma kienx fatt inevitabbli u għaldaqstant ma jaqlax lill-istess MRL mir-rabta tagħha li tgħasses sewwa l-ħwejjeġ li tħallew għandha minn sidhom;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li MRL naqset milli twettaq l-obbligi tagħha bħala depożitarja u għalhekk trid tagħmel tajjeb għad-danni mġarrba minn sid il-karozza li nsterqet sakemm din kienet qiegħda taħt il-kustodja tal-istess kumpannija mħarrka. Minħabba li sid il-karozza issurroga lil Atlas fil-jeddijiet tiegħu jiġi li MRL trid tagħmel tajjeb lil Atlas għad-danni mġarrba;

Illi minħabba f'hekk, l-ewwel talba attriċi sejra tintlaqa' għaliex mistħoqqa u pruvata kif imiss;

Illi dwar **it-tieni talba attriċi** ftit hemm x'jingħad. Il-karozza tal-assikurat ta' Atlas kienet koperta b'polza *comprehensive* li tkopriha wkoll fil-każ ta' serq. L-assikurat ma kien jaħti xejn għas-serqa, billi l-karozza nsterqet meta kienet taħt il-kustodja ta' terzi – MRL. Il-valur assikurat tal-karozza kien ta' Lm 2,400. Il-karozza baqgħet ma nstabitx wara li nsterqet. Atlas ħallset lill-assikurat tagħha Lm 2,300 taħt il-polza. Din hija s-somma ta' danni reklamati minnha;

Illi MRL tressaq l-eċċezzjoni li l-ammont mitlub minn Atlas huwa eżaġerat għaliex il-karozza ma kenitx tiswa dak l-ammont. Din hija biss allegazzjoni u ma tressqet l-ebda prova tajba li turi li l-valur tal-karozza misruqa kien anqas minn dak kwantifikat fil-valur assikurabbli tagħha. F'kull każ, dan kien piż ta' prova li jaqa' fuq MRL, liema prova

ma saritx. Mill-bqija, il-provi orali u dokumentali juru li tabilħaqq li l-assikurat ta' Atlas tħallas l-imsemmija somma u, bis-saħħa ta' hekk, issurroga lil Atlas fil-jeddijiet tiegħu. Il-Qorti ma dehrilhiex li kellha toqgħod taħtar perit biex jasal għal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għaliex dan kien ikun eżerċizzju fieragħ, iżjed u iżjed minħabba li l-karozza baqgħet ma nstabitx wara s-serqa u minħabba l-fatt li d-dannu reklamat joqgħod mat-termini tal-polza ta' assikurazzjoni li kienet fis-seħħ bejn Atlas u l-assikurat tagħha;

Illi dan iwassal għall-fehma li l-pretensjoni ta' Atlas dwar id-danni mġarrba hija mistħoqqa u għalhekk it-tieni talba sejra tintlaqa'. B'konsegwenza ta' hekk, sejra tintlaqa' wkoll i**t-tielet talba tagħha** għaliex din tintrabat ma' u ssegwi t-tieni talba;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li għadhom kemm saru, l-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li l-azzjoni attriċi hija tajba u sejra tilqa' t-talbiet attriċi kollha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka taħti għat-telf imġarrab mill-kumpannija attriċi kif surrogata fil-jeddijiet tal-assikurat tagħha u għad-danni mġarrba mill-istess kumpannija attriċi għall-kumpens li ħallset lill-assikurat tagħha għas-serqa tal-karozza tiegħu mir-remissa tal-kumpannija mħarrka sakemm l-istess karozza kienet miżmuma għat-tiswija mill-istess kumpannija mħarrka;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi fis-somma ta' ħamest elef tliet mija u sebgħa u ħamsin euro u sitta u ħamsin ċenteżmi (€ 5,357.56);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' ħamest elef tliet mija u sebgħa u ħamsin euro u sitta u ħamsin ċenteżmi (€ 5,357.56), flimkien mal-imgħax legali fuq l-

istess somma b'seħħ mill-11 ta' Novembru, 1999, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-kumpannija mħarrka tħallas **l-ispejjeż kollha tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------